MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 217/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u tmienja u sebghin (1978) – ara Dok A hawn anness – u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggorenni u t-tnejn hadu l-istat taghhom;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-sena elfejn (2000) u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt relattiv li gie ppublikat minn Nutar Dottor Paul Pullicino fit-tnax (12) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) – Dok B hawn

anness – li gie debitament korrett permezz ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) – Dok C hawn anness;

Illi ma tezisti l-ebda tama / prospett ragonevoli ghal xi rikonciljazzjoni futura ta' bejniethom stanti illi, minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-esponenti wkoll fil-prezenta ghandha rabta ma persuna ohra;

Illi llum ulied il-partijiet bhalma diga' inghad fuq huma t-tnejn maggorenni kif ukoll "self-sufficient" u konsegwentement m'hemm l-ebda manteniment dovut lilhom u l-uniku manteniment dovut huwa dak miftiehem a favur l-esponenti permezz tal-kuntratt korrettiv u dana kif jirrizulta mill-anness dokument C;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili – Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi ir-rikorrenti igguramentat ir-rikors promotur taghha;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Settembru, 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut fir-rigward tal-ulied tal-partijiet u illi l-intimat dejjem hallas regolarment il-manteniment lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------